



Brussell, 6 ta' Novembru 2020  
(OR. en)

12693/20

ECOFIN 1006  
STATIS 49  
UEM 358

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 6 ta' Novembru 2020

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 12246/1/20 REV 1

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE għall-2020

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE għall-2020, li ġew approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub, li ntemmet fis-6 ta' Novembru 2020 (CM 4515/20).

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE**

B'segwitu għall-prijoritajiet stipulati fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-UE ta' Novembru 2019, partikolarment dwar ir-Rapport tal-Istatus tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM, u b'kont meħud tal-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni 2019-2024, il-ħtiġijiet ta' statistika li jirfdu l-governanza ekonomika, u s-sitwazzjoni eċċezzjonali fl-2020 fir-rigward tal-COVID-19, il-Kunsill eżamina mill-ġdid il-progress relatat ma' rekwiżiti ta' informazzjoni fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), l-istatistika tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP) u s-sorveljanza ta' żbilanċi makroekonomiċi, u statistika strutturali.

**Ir-rispons statistiku għall-COVID-19**

Il-Kunsill JILQA' r-rispons rapidu tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) u tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) għall-pandemija tal-COVID-19, li jiżgura li l-istatistika uffiċjali eżistenti ewlenija tkompli tiġi ppubblikata sal-iskadenza, flimkien ma' informazzjoni ċara għall-utenti dwar l-impatti tal-pandemija fuq il-produzzjoni statistika. L-ESS żviluppat ukoll statistika ġdida, u rilevanti ħafna, diversi drabi fuq bażi sperimentali. Fil-proċess, l-aċċess għal sorsi ġodda ta' data u l-iżvilupp ta' tekniki statistiċi ġodda kienu fundamentali.

Il-Kunsill JENFASIZZA l-importanza ta' aċċess akbar u sostnut għall-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika għal sorsi amministrattivi u għal sorsi ġodda ta' data, u f'dan il-kuntest, iħeġġeġ lis-SSE biex tkompli tesplora sorsi u teknoloġiji ġodda ta' data u tiżviluppa metodi innovattivi għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea ta' kwalità għolja, aktar rikka u aktar rapida.

Il-Kunsill JILQA' l-inizjattiva tal-Uffiċċju tal-Istatistika Ġermaniż (Destatis) u l-ħidma minn Destatis u Eurostat biex jiżviluppaw u joħorġu tabella operattiva tal-ESS ta' indikaturi eżistenti li huma rilevanti ħafna għall-monitoraġġ tax-xejriet ekonomiċi u soċjetali fil-fażi ta' rkupru mill-COVID-19.

Il-Kunsill JILQA' l-isforzi tal-Eurostat biex jipprovdi kjarifika bikrija tar-regoli statistiċi applikabbli għall-interventi relatati mal-COVID-19 f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, filwaqt li JIRRIKONOXXI l-iżvilupp ta' mudell konġunt u kompletament ikkoordinat mill-Eurostat u l-BĊE u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jagħmlu hilitom sabiex jipprovdu d-data statistika u l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-effett tal-interventi tal-gvern u tas-settur pubbliku relatati mal-COVID-19 fuq l-indikaturi rilevanti tal-finanzi pubbliċi.

### **Infrastruttura statistika**

Il-Kunsill JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat investiment adegwat fl-infrastruttura tal-istatistika u l-manutenzjoni tagħha fil-livell Ewropew u dak nazzjonali, inkluż l-infrastruttura tal-IT u d-diġitalizzazzjoni, sabiex is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) tissodisfa l-ħtieġa għal statistika uffiċjali regolari u ta' kwalità għolja fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u dak lokali fil-kuntest ta' avvanzi fit-teknoloġija kif ukoll rekwiżiti tad-data li jinbidlu malajr u sfidi statistiċi relatati mal-pandemija u l-konsegwenzi tagħha.

Il-Kunsill IFAKKAR fl-importanza li jiġi minimizzat il-piż fuq ir-rispondenti u l-ħtieġa li jiġu bbilanċjati domandi statistiċi ġodda b'kisbiet fl-effiċjenza u prijoritizzazzjoni effettiva.

## **Statistika b'rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Patt Ekoloġiku Ewropew**

Il-Kunsill JILQA' l-isforzi tal-Eurostat biex jipprovdi kontributi statistiċi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-livell tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u JINKORAĠĠIXXI lill-Eurostat biex ikompli l-ħidma fuq il-monitoraġġ tal-progress lejn l-SDGs fil-livell Ewropew.

Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lis-SSE biex twieġeb għat-talbiet emerġenti ta' informazzjoni mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż fir-rigward tar-rieżami u t-tkabbir tal-programm tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej u l-iżvilupp ulterjuri ta' indikaturi f'waqthom.

## **Ir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2020 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM**

Il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-iżviluppi deskritti fir-Rapport tal-Istatus tal-KEF tal-2020 dwar ir-Rekwiżiti ta' Informazzjoni fl-UEM. B'mod partikolari, il-Kunsill:

JAPPREZZA t-titjib sostanzjali tal-kopertura tal-pajjiż, il-puntwalità, it-tul tas-serje ta' żmien u l-kwalità globali tal-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP).

JILQA' t-titjib sinifikanti fid-disponibbiltà tad-data tal-ESA 2010 hekk kif jiskadu d-derogi tal-ESA 2010, u l-pubblikazzjoni mill-Eurostat minn Lulju 2020 ta' indikaturi tal-bejgħ tad-djar bi frekwenza trimestrali.

JISSOTTOLINJA r-rwol importanti kontinwu li għandhom l-IEEP bħala bażi għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi fuq perijodu qasir u JISTENNA B'INTERESS aktar progress biex jingħalqu l-lakuni li fadal.

## **Statistika tal-proprjetà immobbli għal finijiet makroprudenzjali u oħrajn**

Il-Kunsill JILQA' l-inizjattivi li għaddejjin kemm mill-ESS kif ukoll mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) biex isir progress fil-ħidma kunċettwali fuq l-indikaturi tal-proprjetà immobbli kummerċjali. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI kemm lill-ESS kif ukoll lis-SEBĊ biex ikomplu jattribwixxu l-importanza u l-urġenza neċessarji lil din il-kwistjoni.

## **Statistika għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi (MIP)**

Il-Kunsill JILQA' l-progress fuq il-garanzija tal-kwalità tal-istatistika sottostanti għall-MIP, u JAPPREZZA r-rapport annwali ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-ESS u s-SEBĊ dwar l-istatistika tal-MIP mill-Eurostat u l-BĊE, FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-azzjonijiet identifikati fih.

Il-Kunsill JAPPELLA lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li d-data statistika meħtieġa għall-applikazzjoni tal-punt ta' riferiment tan-nefqa tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, inkluż data dwar id-dħul tal-gvern permezz ta' finanzjament mill-UE, jiġu rrapportati lill-Eurostat.

## **Statistika demografika u projezzjonijiet tal-popolazzjoni**

Il-Kunsill JILQA' l-pubblikazzjoni tal-projezzjonijiet tal-popolazzjoni (EUROPOP 2019) f'April 2020, li ser iservu bħala kontribut demografiku għar-Rapport dwar it-Tixjiħ 2021, u JAPPREZZA t-tħejjija ta' projezzjonijiet tal-popolazzjoni reġjonali mill-Eurostat li jipprovdu stampa aktar dettaljata tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u d-diversità territorjali.

Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI wkoll lill-Eurostat u lill-Istati Membri biex itejbu l-kopertura statistika tal-kura fit-tul, fir-rigward tan-nefqa soċjali u tas-saħħa, pubblika jew privata, u l-benefiċjarji, sabiex tiġi ffaċilitata l-investigazzjoni ta' xejriet ta' affordabbiltà u l-impatti tal-finanzi pubbliċi.

## **Statistika soċjali**

Il-Kunsill JILQA' l-progress fil-modernizzazzjoni tal-istatistika soċjali, b'mod partikolari l-kontribut tagħha lit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali billi tipprovdi data dwar firxa kbira ta' indikaturi. Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI l-progress fir-rigward tat-tlestija tal-pjan għall-immodernizzar tal-istatistika dwar il-popolazzjoni, billi d-data dettaljata saret disponibbli aktar ta' spiss. Il-Kunsill JISĦAQ fuq l-importanza tal-istatistika dwar id-dħul, il-konsum u l-ġid tal-unitajiet domestiċi.

Il-Kunsill JILQA' l-progress fl-atti ta' implimentazzjoni u atti delegati li jkopru rekwiżiti dettaljati ta' data, id-definizzjonijiet ta' varjabbli statistiċi u speċifikazzjonijiet tekniċi addizzjonali fir-rigward tar-Regolament Qafas Ewropew dwar l-Istatistika Soċjali Integrata (IESS) u JISSOTTOLINJA l-importanza tal-implimentazzjoni ta' statistika mtejba skont dan ir-Regolament.

Il-Kunsill JINKORAĠĠIXXI lill-Eurostat biex jiżviluppa aktar statistika sperimentali, inkluż il-previżjoni għall-preżent ("now-casting") ta' indikaturi soċjali, li tista' tkun rilevanti speċjalment fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

## **Statistika tan-negozju u l-globalizzazzjoni**

Il-Kunsill JILQA' t-titjib li għaddej fl-istatistika Ewropea dwar in-negozju, inkluż kopertura aħjar tal-SMEs fl-Istatistika Strutturali tan-Negozju, statistika addizzjonali u aktar frekwenti għas-servizzi, aktar dettall għall-kummerċ (b'mod partikolari għall-kummerċ fis-servizzi), passi innovattivi f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-akkomodazzjoni tal-pjattaforma għall-istatistika tat-turiżmu, u kejl aħjar tad-diġitalizzazzjoni.

Il-Kunsill JIRRIKONOXXI l-ħidma li saret biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-globalizzazzjoni għall-istatistika, anke grazzi għall-kooperazzjoni msaħħa fi ħdan u bejn l-ESS u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. Il-Kunsill JAPPOĠĠA l-inizjattivi biex jiġu ssuperati l-ostakli bla bżonn fir-rigward tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti bejn il-kompilaturi tal-istatistika.

Il-Kunsill JINNOTA l-progress b'atti ta' implimentazzjoni u atti delegati fir-rigward tar-Regolament dwar l-Istatistika Ewropea tan-Negozju (EBS) u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' statistika mtejba skont dan ir-Regolament.